# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 6/2022

18 ta'Mejju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

## 6.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus. Huwa kien skużat mil-laqgħa. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet ser tattendi aktar tard għal laqgħa.

## 6.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.1.1. Is-Sindku qal li ref punt 5.2.2 (xogħolijiet ta' culverts fi Triq l-Iskola) flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kien attenda laqgħa fuq il-post fejn reġgħet ġiet diskussa l-problema tal-ilma u l-culverts. Is-Sindku spjega li l-culverts tal-ilma kien ser isiru f'salib it-toroq Triq l-Iskola kantuniera ma Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku spjega li x-xogħolijiet għadhom ma kinux tawna data meta ser jibdew.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 17:49.

6.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 5.2.4 (iż-żebbuġa ta' quddiem il-Kappillan) kien ħa xi pariri kif l-aħjar issir l-konka madwar is-siġra. Huwa spjega li l-ideal li l-kurduna ta' barra tinbidel u ssir mill-ġdid, kif ukoll l-ħadid jinbidel u jitwaħħal aktar fil-fond minħabba li spiss jintlaqtu bil-karozzi. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla proponiet li l-kurduna ssir ftit aktar wiesa' kif ukoll ssir bil-ġebel tas-sejjieħ. Is-Sindku ssekondaha. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk jistax isir xi ħaga minħabba l-għeruq pero' il-Kunsill qabel li jekk jintmissu l-għeruq is-siġra tista' tmut. Is-Sindku għadda l-kwotazzjoni sabiex isiru x-xogħolijiet lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru x-xogħolijiet skond din il-kwotazzjoni.

6.1.3 Is-Sindku spjega li minħabba n-numerar tad-djar ta' Triq San Gorg u Misraħ San Guzepp mitluba mid-Door numbering unit kien mar fuq il-post mal-iskrivan tal-Kunsill u l-Kunsill kien bagħat site plan bir-ritratt li tindika fejn eżatt ser ikun qed jibda u jispiċċa Misrah San Guzepp u Triq San Ġorg.

6.1.4 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Publio Abdilla jekk kellux update punt ref 5.3.10 (siġra fi Ġnien t'Amparell). Il-Kunsillier Publio Abdilla spjega li kien iltaqa' ma żewġ persuni mill-*Plant Health Dept* fejn ingħata l-parir li waħda miż-żewġ siġriet kienet mejta. Pero' huwa spjega li meta l-istess siġra kienu qatgħuha wara ftit żmien reġgħet bdiet tarmi. Il-Kunsillier kompla jgħid li t-tieni siġra kienu qalulu li kienet marida u li kienu tawh parir x'għandu jsir sabiex insalvawha.

Il-Kunsillier Publio Abdilla ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jsaqqi Ġnien t'Amparell. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jissaqqa darba kull xahar u nofs. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Publio Abdilla sabiex jikkordina mal-ħaddiem tal-kunsill u ma' tal-bowser meta l-aħjar issir it-tisqija.

6.1.5 Is-Sindku staqsa lill-Kunsiliera Joanna Abdilla kinitx iċċekjat ref punt 5.3.13 (siġra mejta fi Triq iż-Żurrieq). Il-Kunsilliera Joanna Abdilla kkonfermat li s-siġra ma kinitx mejta.

6.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa ref punt 5.3.12 (xtabi tal-bjar fi Ġnien Sir Alexander Ball) jekk kienux lesti. Is-Sindku kkonferma li kienu reġgħu ġew jieħdu l-kejl pero' ma kinux twaħħlu.

6.1.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 5.3.6 (il-mixja) kienet ġiet posposta.

6.1.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 5.3.7 (Sports Day) ġiet ikkanċellata minħabba l-aħħar quddiesa tal-Kappillan Fr David Farrugia li kellha ssir fl-istess ġurnata.

6.1.9 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa rigward is-servizz tas-Silver T. Is-Sindku spjega li kienet ħarġet l-offerta sabiex is-servizz jibda jsir permezz ta' vann u spjega li meta jiġi finalizżat il-kuntratt il-ġdid, is-servizzikunjista' jiġi estiż għaċ-Ċentru tas-saħħa ta' Ħal Kirkop ukoll. Is-Sindku qal ukoll li s-servizz tal-vann jibqa' jopera bl-istess sistema dak li min jagħmel użu minnu jrid javża jumejn qabel.

## 6.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qal li xtaq jfakkar lill-Kunsilliera b'dawn id-dati mportanti:

10 ta' Gunju laqgħa Onor Stephen Zrinzo 7:15pm
14 ta' Gunju laqgħa Onor Miriam Dalli 11:00am
15 ta' Gunju laqgħa Onor Owen Bonnici 7:00 pm
17 ta' Gunju Pussess tal-Kappillan 6:30pm

Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill jixtri rigal lill-Kappillan biex jiġi ppreżentat waqt il-pussess. Il-Kunsillier Publio Abdilla ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.2.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju, 2022 il-Kunsill kellu laqgħa l-Kulleġġ rigward ir-relokazzjoni tat-tfal tal-iskola primarja ta' Ħal Għaxaq. Huwa spjega li Ħal Safi kien ser jospita l-klassijiet minn year 1 sa year 3 u t-tfal tal-kinder. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-iskola tista' tipprova tibbenfika xi minn xi proġett minħabba l-inkonvinjent u li l-Kunsill għandu jidħol fi ftehim bil-miktub minħabba l-użu tal-grawnd.

6.2.2 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva invit minn naħa tal-Active Aging sabiex il-Kunsill jattendi għal laqgħa li ser issir nhar is-Sibt 28 ta' Mejju, 2022, id-Dimentia Centre. Huwa spjega li għal din il-laqgħa kien ser ikun hemm preżenti ukoll l-Ministru Joe Etienne Abela minn naħa tal-Active Aging. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja jekk l-Kunsill kellux ikun rappreżentat biss mis-Sindku jew mill-Kunsill kollu.

6.2.3 Is-Sindku spjega li huwa kien attenda għal laqgħa mar-Reġjun Punent minħabba l-kuntratt tal-iskart. Is-Sindku spjega l-kundizzjonijiet kif kien ser joħroġ it-tender, l-iskeda tat-toroq u li l-ġbir tal-borża s-sewda ser tonqos għal darbtejn f'ġimgħa filwaqt li l-ġurnata tal-ġbir tal-iskart reċiklat ser tinbidel għal nhar ta' Ħamis minflok it-Tlieta. Huwa qal li hekk kif il-Kunsill ikollu *draft copy* tal-kuntratt, il-Kunsill kien ser jgħaddih lill-Kunsilliera kollha.

6.2.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni rigward żvilupp ġdid fi Triq San Pawl. Huwa qara l-ittra rigward dan l-iżvilupp. Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni għall-iżvilupp kienet tmiss mal-UCA u kif kienet qed tiġi proposta kienet ser tistona mal-kumplament tal-estetika tal-istess triq. Is-Sindku spjega li diġa' kien ħa parir u ta d-dettalji ta' kif iridu jsiru l-oġġezzjonijiet sabiex dan l-iżvilupp isir f'sintonija u rispett mal-estetika tat-triq li tmiss mal-UCA. Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel oġġezzjoni mhux kontra l-iżvilupp iżda sabiex dan jiġi ddissinjat b'tali mod li tinżamm u tiġi rispettata l-estetika tal-bini fil-UCA. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.2.5 Is-Sindku qal li persuna li għandhom l-għelieqi viċin il-Ġnien ta' Ball kienet għamel talba sabiex issir mera biex ikun jista' jara min hu nieżel minn naħa ta' T'Amparell lejn ġnien Alexander Ball. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha teħel mera.

6.2.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien irċieva talba minn TM sabiex il-Kunsill jagħti l-feedback tiegħu dwar xogħolijiet ta' trenching fi Triq it-Torri ta' Gawhar s-sena d-dieħla (2023). Is-Sindku spjega li l-proġett kien ser isir sabiex iwasslu fergħa tal-ilma ġdida bl-ilma msaffi mid-drenaġġ għal bdiewa biex isaqqu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li japprova li jsiru x-xogħolijiet.

**6.3 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

6.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet qed tirċievi lmenti minħabba l-ħaxix ħażin fir-rural. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien iffirma MOU biex il-ħaxix ma jinqatax qabel jibda x-xahar ta' Ġunju u kkonferma li l-ħaxix kien ser jinqata' minn naħa ta' Parks Malta.

6.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li f'laqgħa preċedenti kienet semmiet iż-żbir tas-siġar fi Sqaq Karwija. Is-Sindku qal li meta l-Kunsill jiżbor is-siġar l-ideal jiġborhom kollha f'daqqa sabiex ma nikrux *cherry picker* għal siġra jew tnejn.

6.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret lill-Kunsill li l-Ħadd ta' wara l-laqgħa fil-pjazza kien ser ikun hawn l-*Mobile Blood Donation Unit* sabiex isiru t-tabelli biex ma jkunx hemm karozzi pparkjati dak inhar.

6.3.4 Il-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li flimkien mal-kunsillier Mark Cocker kienet attendiet laqgħa għal aktar għarfien tal-kundizzjoni tad-dimensja. Flimkien mal-KunsillierMark Cocker taw rendikont tal-laqgħa u x'kien jirrekjedi sabiex ikun hawn aktar għarfien u aktar nies ikunu konxji minn din il-kundizzjoni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li bħala Kunsill nippruvaw nagħtu l-għajnuna tagħna u nagħmlu laqgħa sabiex naraw kemm hawn nies li għandhomil-bżonn għal dawn l-inizjattivi.

6.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kompla jispjega fuq il-laqgħa tad-dimensja. Huwa qal li l-idea ta' dawn il-laqgħat nibtet għaliex hawn nuqqas kbir ta' għarfien fuq id-dimensja. Huwa qal li hemm il-ħsieb li jsiru żjarat fil-ġonna li l-attivitajiet isiru fi tmiem il-ġimgħa u jsiru filgħodu. Il-Kunsill qabel li għal issa nibdew bil-laqgħat u wara naraw x'jista' jsir.

6.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-arblu tal-Karwija kien tgħawweġ ftit. Il-Kunsill qabel li nibagħtu l-ħaddiema jirranġawh.

6.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ma kienx jaf min propju kellu jieħu ħsieb il-maqrutfi Triq Carmelo Caruana. Is-Sindku kkonferma li l-maqrut ma kienx propju responsabbilita' tal-Kunsill iżda tal-Indis. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ma kienx hemm xi spejjeż kbar il-Kunsill seta' jagħmlu din il-parti ukoll.

6.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li f'Misraħ San Ġużepp diversi karozzi kienu qed jipparkjaw ħażin. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru 2 bollards bil-katina sabiex ħadd ma jkun jista' jipparkja.

6.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li aktar l-isfel minn Ġnien ta' Ball fejn saret it-tabella SLOW kien hemm ħafna qtates jiġru barra u kellu talba li ssir tabella sabiex ix-xufiera jkunu avżati li hemm l-qtates.

**6.4 Update Festa Qamar il-Għasel 2022**

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Kunsill kien ħareġ sejħa sabiex min kien interessat jieħu sehem fit-tieġ Malti seta' jagħmel dan. Hija qalet li kien raw x'kien hemm kostumi u li kienu għamlu appuntament it-Teatru Manuel sabiex ikunu jistgħu jikru l-kostumi.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ssuġġerixxiet li jsir kejk biex jitqassam wara t-tieġ Malti. Is-Sindku kkonferma li jekk ikun fadal flus mill-flus allokati jista' jsir il-kejk ukoll. Is-Sindku ta rendikont sħiħ tal-inizjattivi li kienu ser isiru waqt din il-festa kulturali.

**6.5 Proġett Pjazza**

Is-Sindku ressaq żewġ proposti għal progett tal-Pjazza. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel unanimament fuq it-tieni proposta. Din għandha tiġi diskussa iktar 'il quddiem mar-residenti u l-entitajiet responsabbli.

**6.6 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza.

**6.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**6.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmis**

Il-laqgħa ntemmet fil-21.23. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju, 2021 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv